# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2000.**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 1743/95 JF**

**Hal  Mann Limited**

**vs**

**Oliver Theuma**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici li biha hemm premess d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li s-Socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' tliet mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm359.00,0), rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' turgien tal-granit u tqeghid ta' l-istess mibjugha u konsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici kif jirrizulta mill-anness prospett (Dok A).

Premess li l-konvenut naqas li jhallas l-ammont imsemmi, ghalkemm interpellat biex ihallas, ukoll permezz ta' interpellazzjoni ufficjali;

Talab li din il-Qorti:

1. Tikkundannah li jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm359.00,0 fuq imsemmija, rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' turgien tal-granit u tqeghid ta' l-istess lilu mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici.

BL-ISPEJJEZ, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 1995 u l-Mandat Kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sal-lum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Oliver Theuma fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu _________ tal-kap.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-tarag mahdum, supplit u mqieghed mis-socjeta' attrici huwa difettuz mhux biss fil-materja prima imma anke fit-tqeghid peress li xi rham twahhal bil-maqlub.

3. Illi mhux biss li s-socjeta' attrici ammettiet dan imma ppruvat tirrimedja u x-xoghol mar ghall-aghar flok 'il quddiem u ghalhekk mhux talli li l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici, izda ghandu jiehu kif ser jigi spjegat fil-kontro-talba tal-konvenut.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba ta' Oliver Theuma:

Li qieghed jaghmel uzu mill-atti ta' din il-kawza sabiex iressaq il-kontro-talba tieghu skond il-ligi.

Peress illi Oliver Theuma l-konvenut ordna tarag ta' l-irham minghand Hal-Mann Ltd. bil-prezz ta' seba' mija u disa' u hamsin liri Maltin (Lm759).

U peress li Oliver Theuma lahaq hallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mitt liri Maltin (Lm400).

U peress illi t-tarag li forniet u qeghdet is-socjeta' attrici lill-konvenut fih hafna difetti fosthom li l-fili ma kienux maghluqin (sealed) sew.

U peress li wara li s-socjeta' attrici ppruvat timla l-fili l-irham ittebba' bis-sealer.

U peress li xi rham twahhal bil-maqlub.

U peress li s-socjeta' attrici kienet qablet mal-konvenut li bil-kelma t-tajba tibdel l-istess irham.

U peress li s-socjeta' attrici m'ghamlet xejn minn dan minkejja li giet mitluba taghmel dan diversi drabi.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li t-tarag tal-granit in kwistjoni huwa difettuz kemm fil-materja prima u kemm fit-tqeghid tieghu u dan kollu attribwit ghal nuqqasijiet da parti tas-socjeta' attrici Hal Mann Ltd.

2. Tordna lis-socjeta' Hal Mann Ltd. tnehhi t-tarag tal-granit mahdum lill-Oliver Theuma u tqieghed iehor tal-kwalita' pattwita minghajr difetti fi zmien iffissat min din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas taghti l-fakolta' lill-konvenut jaghmel dak ordnat minn din l-Onorabbli Qorti lis-socjeta' attrici, a spejjez ta' l-istess socjeta' Hal Mann Ltd.

Bl-imghaxijet u l-ispejjez u ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Hal Mann Limited ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn eccepiet:

1. ILLI t-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut, billi l-materjal konsenjat lilu kien skond kif miftiehem u x-xoghol imwettaq skond is-sengha;

2. ILLI, fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, m'hu minnu xejn li l-eccipjenti nomine accettat jew ammettiet li x-xoghol minnha fornit jew inkella l-materjal supplit ma kienux skond il-patti;

3. SALVI, eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoniet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li kien hemm ftehim ta' appalt in iskritt - ara Dok HMX a fol. 29 tal-process - ghal fornitura u tqeghid ta' turgien tal-granit b'inkariku mill-konvenut. Il-materjal gie mqieghed u supplit lill-konvenut. Il-konvenut kien gja' ghamel hlas ta' Lm100 mal-ftehim, qabel ma sar ix-xoghol pero', jirrizulta li ghad fadal x'jithallas l-ammont bilancjali ta' tlett mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm359.00c). M'hemmx kwistjoni dwar il-quantum bilancjali li ghadu mhux imhallas. Il-konvenut jghid li hallasx ghaliex il-materjal kien in parte difettuz u di fatti intavola kontro-talba ghall-fini ta' dikjarazzjoni li l-granit de quo kien wiehed difettuz - liema pretensjoni, is-socjeta' attrici qeghda tichadha kategorikament.

Bhala provi ttellghet biss xhieda min-naha tas-socjeta' attrici. Meta l-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenut dan baqa' inadempjenti u ma ressaq l-ebda provi. Ma jirrizultax li l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici gew b'xi mod kontradetti mill-kontro-parti. Anzi, jirrizulta li l-konvenut proprjament beda jilmenta wara li tlesta x-xoghol u meta gie mitlub ihallas il-bilanc. Il-konvenut jallega li kien hemm parti mill-granit difettuz izda ma rnexxilux jaghmel din il-prova. Min-naha taghha, is-socjeta' attrici spjegat x'seta' kien l-ilment tal-konvenut - wiehed skond hi nfondat - billi parti mill-granit ordnat ikun "imqalla", allura ma jkunx kollu lixx imma dana kien hekk ghal tal-apposta biex it-turgien ma jkunux jizolqu u mhux in konsegwenza ta' xoghol difettuz.

Ghal kull fini jigi rilevat li kwantu ghall-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, li din giet formalment irtirata u rinunzjata b'verbal datat id-9 ta' Gunju 1997 (a fol. 30 tal-process).

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi kemm l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-meritu u l-kontro-talbiet tieghu, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm359.00 kif mitlub bl-interessi legali mill-prezentata tal-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

Il-kap tal-ispejjez jithallas interament mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md